# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 7 ta' Marzu, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Justine Grech)**
**vs.**
**Jesmond Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jesmond Aquilina ta' 32 sena imwieled Pieta' fit-2 ta' April 1971 iben Joseph u Jane nee' Decelis u li joqghod 18, Windmill Street, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' 109071M

Akkuzat:

a) Talli fis-17 ta' April 1998 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, matul l-ahhar granet ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer forna jew ipprokura jew offra li jofri jew li jipprokuza d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.

292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza imsemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kif ukoll talli fl-istess data, zmien u hin u cirkostanzi b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess tieghu f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu.

c) Ukoll talli fit-18 ta' April 1998 u il-granet ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolamenti 5(1) tal-Avviz Legali 22 ta' 1985 kif sussegwentement emendat, u 35B u 89A u it-Tliet (sic) Skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V ta' 1985 kif emendat.

d) Kif ukoll talli fl-istess data, hin, zmien u cirkostanzi, ikkonsenja medicina specifikata u psikotropika lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar diligenti, jew ma kienx xorta ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu, bi ksur ta' Regolamenti 10(2) tal-Avviz legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u it-Tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att V tal-1985 kif emendat.

e) Ukoll talli bejn il-15 u 18 ta' April 1998 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ffalsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus iffalsifikati li kien jaf li kienu falsifikati, u cioe' Liri Maltin, u dan bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

f) Ukoll talli fl-istess data, zmien, hin u cirkostanzi b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda talli minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuni jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljetti ta' flus ffalsifikati li kien jaf li l-istess biljetti kienu ffalsifikati, u cioe' Liri Maltin skond l-Artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

g) U aktar talli sar recidiv fit-termini tal-art. 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' 17 ta' Gunju 1993 u it-18 ta' Gunju 1993 u it-23 ta' Ottubru 1993, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tas-17 t'Awwissu 1998, bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' mill-Qorti Kriminali;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tas-17 t'Awwissu 1998, bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza ghandha tinstema' mill-Qorti Kriminali.

Rat il-kontro-ordni tal-Avukat Generali tas-17 ta' Dicembru 2008, fejn bis-sahha tal-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u tas-subartikolu (2C) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31) ordna illi l-imputat jigi processat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanzi u, ghalhekk rega' baghat lil din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti tal-kumpilazzjoni maghmulin kontra l-imputat u mibghuta lilu fl-1 ta' Dicembru 2008.[1]

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 10 ta' Jannar, 2011 fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 u l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tad-19 ta' Frar 2018 l-imputat Jesmond Aquilina ddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-imputat.

Ikkunsidrat:

---

[1] Ara fol. 277 tal-process.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

1. Fl-20 t'April 1998, Joseph Attard ghamel stqarrija guramentata, fejn xehed li hu kellu fil-pussess tieghu xi tmenin Liri Maltin foloz, f'karti ta' ghoxrin Lira Maltin il-wahda. Dawn kienet taghthomlu b'mod frawdolenti terza persuna, fil-kuntest ta' traffikar ta' droga eroina li sar fil-15 ta' April 1998.
2. L-ghada, cioe fis-16 ta' April 1998, hu mar iltaqa' Bormla u xtara zewg pakketti ta' eroina minghand l-imputat, li ghandu l-laqam *"il-Lembut",* u mar ittaqqab bihom. Huwa halsu b'Lm20 foloz ghaz-zewg pakketti. Attard jghid li l-imputat qallu li jekk ikun irid, hu seta' jbieghlu l-pilloli Valium, bit-10c il-wahda.
3. Wara Attard xehed li nizel ix-Xghira ta' Bormla u ltaqa' wiehed li kellu karozza Mini Metro li xtaq jixtri l-eroina wkoll. Mill-provi irrizulta li dan kien jismu Ludwig Bugeja. Ghalhekk regghu marru Bormla, u Attard ta Lm20 flus foloz lil Bugeja sabiex dan jixtri l-eroina minghand l-imputat. Attard jghid li huwa qal lil Bugeja li l-flus kienu foloz. Attard jghid li qaghad jistenna fil-karozza, u meta gie lura minghand l-imputat qasmu d-droga flimkien.
4. Wara regghu marru x-Xghira ta' Bormla, fejn iltaqghu ma' Trevor Camilleri, u ftehmu li bl-Lm40 foloz li kien ghad fadallu Attard, Trevor jixtri minghand l-imputat erba' pakketti tal-Lm10-il wiehed u jaqsmuhom flimkien. Fil-fatt hekk ghamlu. Trevor gab mieghu ukoll xi pilloli sofor li qasmu bejniethom, u Attard ha erba' minnhom, u shabu qasmu l-kumplament bejniethom.
5. Attard xehed li huma kienu ftehmu li jekk jigu mistoqsija mill-imputat minn fejn kienu gew il-flus foloz, kienu ser jghidulu li kienu serqu handbag – li ma kienx veru.
6. Xi hin wara, Attard beda jhossu ma jiflahx u talab lil shabu jwasslu l-isptar, fejn instab li kien taht l-effett ta' overdose ta' eroina u pilloli Valium.
7. Il-Pulizija ghamlu tfittxija fuq il-persuna tal-imputat u sabulu 4 karti ta' Lm20, allegatament foloz.
8. Saret ukoll tfittxija fir-residenza tal-imputat, fejn instabu numru konsiderevoli ta' pilloli sofor, suspettati li kienu pilloli Valium.

*<u>Kunsiderazzjonijiet Preliminari</u>*

*L-Eccezzjoni tal-Genn tal-Imputat*

Fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2003, gie verbalizzat hekk: *"Dr Robert Abela ghall-imputat Jesmond Aquilina jeccepixxi illi l-istess imputat ma kienx f'sensieh fil-mument illi gew kommessi l-allegati reati li bihom jinsab akkuzat illum. Dr Robert Abela ghall-imputat Jesmond Aquilina jeccepixxxi wkoll li hu ma jinsabx f'sensieh fil-mument li qed tinstema' din il-kawza."*

In vista ta' dan il-verbal, din il-Qorti nnominat tlett psikatri sabiex jistabilixxu l-istat tal-imputat kemm fi zmien meta twettqu l-allegati reati kif ukoll dak-in-nhar. Fir-rapport taghhom ipprezentat u mahluf fl-24 ta' Frar 2004, l-periti psikjatri Dottor Joseph Cassar, Dottor Joseph Spiteri u Dottor Anton Grech ikkonkludew hekk:

*"Is-Sur Jesmond Aquilina ibati minn mard psikjatriku kroniku. Ghalkemm dan il-mard ilu fuqu zmien u nassumu li kien prezenti fiz-zmien ir-reat u ghadu prezenti sal-lum, hu jidher li kien jaf x'gara ezatt waqt l-allegat kaz li sehh f'April 1998.*

*Ghaldaqstant, ghalkemm il-mard mentali seta' affettwa l-agir tieghu waqt dan l-allegat kaz, is-Sur Aquilina kien kapaci kemm fil-volonta u l-intendere tieghu."*

Fis-seduta tal-15 ta' April 2015, din il-Qorti, wara talba tal-Ufficjal Prosekutur, appuntatat tlett psikjatri esperti ohra sabiex jezaminaw lill-imputat u jirrelataw jekk fl-opinjoni taghhom il-kundizzjoni mentali tal-imputat dak-in-nhar kienitx dik li huwa *fit to stand trial.* Il-periti psikjatri Dottor Joseph Vella Baldacchino, Dottor Anthony Dimech u Dottor George Debono ipprezentaw u halfu ir-rapport taghhom fis-seduta tas-17 ta' Frar 2016, fejn ikkonkludew hekk: *"Wara li ezaminajna l-pazjent, flejna n-noti klinici u qisna l-istorja psikjatrika tieghu, jidhrilna li s-Sur Aquilina, fl-istat tieghu tal-lum m'ghandux sintomi ta' psikozi jew sintomi ta' menomazzjoni konjittiva li tista' tivvizzja l-kapacita tieghu (di intendere e di volere).*

*Ghaldaqstant, ahna hawn taht iffirmati nikkonkludu li fil-prezent is-Sur Jesmond Aquilina huwa kapaci isegwi l-process tal-Qorti bl-assistenza tal-avukat.”.*

Id-difiza ma ressqet l-ebda prova sabiex tikkontesta dawn il-konkluzjonijiet tal-esperti psikjatrici, u din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiskartahom.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tichad l-eccezzjonijiet tad-difiza li l-imputat kien fi stat ta’ genn meta gew kommessi l-allegati reati u/jew li kien fi stat ta’ genn pendenti dawn il-proceduri.

*L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dak kollu li seta’ qal waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta’ Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra fil-meritu l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fic-citazzjoni bi ksur tal-Kapitolu 101 u 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-imputazzjonijiet kontemplati fir-reati kontemplati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

*Ir-Reati kontemplati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali*

Ir-reati principali kontemplati fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali huma dawk kontemplati fl-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghax ir-reati l-ohra huma konsegwenzjali.

Ir-reat fl-Artikolu 45 huwa dak li l-imputat iffalsifika Liri Maltin jew mexxa biljetti tal-flus Maltin ffalsifikati, li kien jaf li kienu iffalsifikati. L-Artikolu 46 jikkontempla r-reat li wiehed minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli jixtri jew jircievi minghand xi persuna jew kellu fil-kustodju jew fil-pussess tieghu biljetti ta’ flus, f’dan il-kaz Liri Maltin, iffalsifikati, li l-imputat kien jaf li l-istess Liri Maltin kienu ffalsifikati.

Din il-Qorti tibda' biex tghid li fl-ewwel lok, il-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova oggettiva li l-flus Maltin li nstabu fuq l-imputat kienu effettivament iffalsifikati. Dan il-fatt wahdu huwa bizzejjed sabiex din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li dawn l-imputazzjonijiet ma gewx ippruvati sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

Pero *ex abbundantia*, il-Qorti tirrileva li fl-istqarrija guramentata tieghu, Joseph Attard stess jammetti li hu ma kienx qal lill-imputat li l-flus li allegatament tah jew ta lil Ludwig Bugeja u lil Trevor Camilleri biex jaghtuhom lill-imputat biex jixtru d-droga, kienu foloz. Anzi, Attard jghid li hu kien ftiehem ma' Bugeja u Camilleri li jekk l-imputat jinduna li l-flus kienu foloz, huma kellhom jghidulu li kienu serqu handbag u sabuhom fih.

Ghalhekk, altru li ma hemm l-ebda prova la li l-imputat iffalsifika xi Liri Maltin, u wisq inqas li hu minghajr skuza legittima ircieva minghand xi persuna jew kellu fil-pussess tieghu Liri Maltin, meta kien konsapevoli li dawn il-Liri Maltin kienu iffalsifikati.

Fid-dawl tas-suespost, dawn iz-zewg imputazzjonijiet ma gewx debitament ippruvati.

*Ir-Reati kontemplati fil-Kapitoli 101 u 31 tal-Ligijiet ta' Malta*

L-imputat huwa akkuzat ukoll ta' traffikar u pussess aggravat tad-droga eroina bi ksur tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' pussess semplici u traffikar ta' medicina specifikata u psikotropika, cioe diazepam, maghruf bl-isem kummercjali Valium, bi ksur tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mix-xhieda tal-Ispettur Maria Stella Cutajar jirrizulta li l-Pulizija gew infurmati mill-Isptar San Luqa li Joseph Attard kien gie mdahhal l-isptar bl-urgenza fuq overdose ta' eroina u pilloli Valium. Sussegwentement Attard qaleb ghall-ahjar u gie rilaxxat mill-Isptar San Luqa. Dan il-fatt jikkonforta l-istqarrija guramentata ta' Attard li hu, kif ukoll il-hbieb tieghu, Bugeja u Camilleri, kienu xtraw minghand l-imputat diversi pakketti tad-droga eroina u pilloli Valium u ikkunsmawhom. Dan hu korroborat ukoll mix-xhieda ta' Bugeja. Min-naha l-ohra, Camilleri xehed li hu qatt ma xtara droga minghand l-imputat.

Meta xehed quddiem din il-Qorti, ghal xi raguni Attard donnu sofra amnesija ghax ftakar ftit li xejn mill-incident li wassal ghal konsegwenza li spicca waqa f'overdose, pero ikkonferma li wara li kien kellmu l-Ispettur, hu kien ta x-xhieda tieghu lill-Magistrat. Ghalhekk, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-istqarrija guramentata li Attard ta lill-Magistrat hija wahda attendibbli.

Huwa vera li mit-tfittxija li saret fuq il-persuna u fir-residenza tal-imputat, ma nstabu l-ebda pakketti jew indizzji tat-traffikar tad-droga eroina, pero instabu kwantita sostanzjali ta' pilloli sofor, suspettati li kienu Valium – precizament bott b'77 pillola.[2] Sfortunatament, sakemm dawn il-pilloli ghaddew ghand l-Ispizjar Mario Mifsud, mahtur minn din il-Qorti fl-2004, sabiex jezaminahom, ghaddew sitt (6) snin bil-konsegwenza li dawn il-pilloli kienu skadew. L-espert Spizjar Mifsud xorta ghamel analizi biex jara jekk hemmx xi prodotti ta' dekomposizzjoni minn sustanzi li huma illegali, pero din l-analizi irrizultat fin-negattiv.[3]

Min-naha l-ohra, fuq il-persuna tal-imputat instabu 4 karti ta' Lm20-il wahda, li jikkorrobora x-xhieda guramentata ta' Attard u dik ta' Bugeja, li huma hallsu lill-imputat ghad-droga li tahom b'karti ta' Lm20.00.

Ghalhekk ix-xhieda guramentata ta' Attard u x-xhieda ta' Bugeja hija korroborata bi provi indizzjarji *(circumstantial evidence)* li jippuntaw kollha lejn direzzjoni wahda u univoka, u cioe li l-imputat vera kien bieghilhom id-drogi eroina u Valium, u li dan it-traffikar jikkostitwixxi reat kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

Huwa vera li x-xhud Camilleri li xehed quddiem din il-Qorti, prattikament kwazi ghoxrin sena wara l-allegat akkadut, xehed li hu qatt ma xtara droga minghand l-imputat, pero tenut kont tal-fatti kollha fuq ippruvati, u anke tal-kompartament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda, din il-Qorti ma ssibx li x-xhieda ta' Camilleri hija wahda kredibbli.

Pero billi l-pilloli li kien hemm fil-bott li instab fir-residenza tal-imputat lahqu skadew u ma nstabux tracci ta' sustanzi illeciti fihom, il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li dawn il-pilloli kienu fil-fatt Valium, jew xi pilloli li kien fihom xi sustanzi ikkontrallati bil-ligi.

---

[2] Ara fol. 150 tal-process.
[3] Ara xhieda tal-espert Spizjar Mario Mifsud a fol. 146 tal-process, u r-rapport minnu ezebit.

Lanqas ma tirrizulta ippruvata l-imputazzjoni ta' pussess aggravat tad-droga eroina, stante li ma nstabet l-ebda droga eroina fil-pussess tal-imputat.

Tirrizulta pero ppruvata r-recidiva, stante li kien instab hati u kkundannat ghal serq aggravat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Gunju 1993,[4] u b'ohra moghtija mill-istess Qorti tat-28 ta' Ottubru 1993.[5]

## Konsiderazzjonijiet dwar Piena

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat li fiha ghoxrin kundanna minn dawn il-Qrati. Huwa instab hati disa' (9) darbiet ta' diversi serq aggravat, darba ta' attentat ta' serq aggravat, darbtejn talli gar strument bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, korruzzjoni ta' minorenni, hames kundanni ta' pussess semplici tad-droga eroina, u tlett kundanni ta' pussess semplici ta' medicini ikkontrollati. Minkejja li inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-qrati sabiex jirriforma ruhu, l-imputat sfortunatament baqa' jippersisti li kompli jsegwi t-triq tal-kriminalita.

Konsegwentement, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied bi grad, stante li kif irrizulta mill-provi prodotti, l-imputat huwa recidiv.

Mill-provi jirrizulta li l-konsegwenza tad-droga li Attard xtara u/jew baghat lil min jixtrilu minghand l-imputat, Attard ha overdose, u kien fil-perikolu li jitlef hajtu. Ghalhekk jezistu l-estremi sabiex il-piena tizdied bi grad, stante li r-reat tal-bejgh tad-droga eroina kien wiehed kontinwat, stante li mill-provi jirrizulta li dak in-nhar tal-incident l-imputat biegh id-droga tlett darbiet.

Pero ghal fini ta' piena t-tielet imputazzjoni u cioe dik ta' pussess semplici ta' medicina specifikata u psikotropika, hija assorbita fir-raba' imputazzjoni u cioe dik ta' traffikar tal-istess medicina, stante li serviet bhala mezz ghal fini sabiex jigi kommess dan l-ahhar reat.

---

[4] Ezebita a fol. 44 *et seq.* tal-process – ara wkoll x-xhieda tal-Assistant Kummissarju Emanuel Cassar dwar l-identita tal-imputat a fol. 142 tal-process.
[5] Ezebita a fol. 33 *et seq.* tal-process – ara wkoll x-xhieda ta' David Saliba dwar l-identita tal-imputat a fol. 155-156 tal-process.

Min-naha l-ohra, huwa vera wkoll li r-reat sehh ghoxrin (20) sena ilu, u l-imputat kellu problemi ta' mgiba relatati ma uzu ta' alcohol u droga, u qiegħed fuq kura ta' medicina psikotropika,[6] u llum jirresjedi fuq bazi volontarja fl-Isptar Monte Carmeli.

Fir-rigward ta' piena, l-Qorti tirreferi ghal dak li rriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kuljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Il-Qorti tirreferi ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

**Konkluzjoni**

Ghaldawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Issib lill-imputat mhux hati tar-reati kontemplati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, u qed tilleberah minnhom;

2. Tilliberah ukoll mit-tieni imputazzjoni ta' pussess aggravat tad-droga eroina;

[6] Ara r-rapport tal-esperti psikjatrici a fol 358 tal-process.

3. Wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939; l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B), 120A(2)(b)(i) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31, u r-regolamenti 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985; u l-Artikolu 17, 18, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-seba' imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat.

4. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundanna lill-imputat ghall-piena karcerarja ta' hmistax (15)-il xahar u multa ta' elf Euro (€1,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' tmienja u ghoxrin Euro (€28.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

5. In vista tal-fatt li l-imputat ma nstabx hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrieh, din il-Qorti mhux ser tikkundanndah ihallas l-ispejjez tal-espert mahtur minn din il-Qorti, in konnessjoni ma' din it-tieni imputazzjoni.

6. Fl-ahharnett, il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li invista tal-fatt li l-imputat qieghed fuq kura ta' medicina psikotropika, u bhalissa jinsab residenti fuq bazi volontarja fl-Isptar Monte Carmeli, tissugerixxi li qabel jigi ammess fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, jigi ezaminat minn psikjatra, li ghandu jaghti l-opinjoni tieghu, dwar jekk l-imputat ghandhux jinzamm fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin jew fil-Forensic Unit tal-Isptar Monte Carmeli, jew f'kull divizjoni ohra tal-istess Sptar li l-istess psikjatra jidhirlu tkun aktar idonea ghal kundizzjoni tal-imputat.

**Robert Bugeja**

**Magistrat** **Deputat Registratur**